# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 873/2023 ISB**

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta ta' l-identita' 495276 (M)) bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Nike Innovate C.V., ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon 97005, United States of America**

**Vs**

**L-Av. Josette Sultana u l-P.L. Peter Sammut b'digriet tas-7 ta' Settembru 2023 inħatru kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Exon Genetics & Biotechnology Company Limited Mpanga Close Plot 7, Bugolobi Kampala Uganda u Beyler Saglik Bilisim Savunma Danismanlik Sanayi Ve, Tic Ltd Sti Izmir, Turkey**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Av. Dottor Antoine Camilleri noe** tat-8 ta' Awwissu 2023 u li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li tikkonsisti f'elfejn bicca, f'Container Numru CMAU0983017, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Marks Numru 000278028, Numru 004288486, Numru 000277632, Numru 000277517 u Numru 000277889 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballagg taghhom) li tikkonsisti f'elfejn bicca, f'Container Numru CMAU0983017, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Marks Numru 000278028, Numru 004288486, Numru 000277632, Numru 000277517 u Numru 000277889 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

4. *Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;*

5. *Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar-Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;*

6. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar- Regolament U.E. 608/2013;*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti Nike Innovate C.V., ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon 97005, United States of America hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE", u l-markju maghruf bhala "Swoosh Design" liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti bhal zraben, sandlijiet, abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokument "A", d-Dokument "B", d-Dokument "C", d-Dokument "D" u d-Dokument "E";*

2. *Illi din is-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali ghar-rigward tal-istess markji "NIKE" u "Swoosh Design" skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti rregistrat l-imsemmija markji "NIKE" u "Swoosh Design" bhala European Union Trade Marks (EU Trade Marks) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 000278028 (kif muri f'Dok. "A"), Numru 004288486 (kif muri f'Dok. "B"), Numru 000277632 (kif muri f'Dok. "C"), Numru 000277517 (kif muri f'Dok. "D") u Numru 000277889 (kif muri f'Dok. "E");*

3. *Illi jirrizulta illi fit-13 ta' Mejju 2023 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "SC MEDFORD" u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu fuqhom il-markji "NIKE" u "Swoosh Design" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'elfejn bicca, f'Container Numru CMAU0983017, u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta'Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 on the European Union trade mark, kif inhu ben spjegat hawn taht;*

4. *Illi mill-Polza ta' Kargu Numru AYD0118474 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "J") jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper ghal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bhala "Exon Genetics & Biotechnology Company Limited Mpanga Close Plot 7, Bugolobi Kampala Uganda", filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bhala "Beyler Saglik Bilisim Savunma Danismanlik Sanayi Ve Tic Ltd Sti Izmir, Turkey";*

5. *Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, fejn l-oggetti (inkluz l-imballagg taghhom) in kwestjoni joriginaw minn pajjizi terzi u jkollhom markji minghajr awtorizzazzjoni li jkunu identici ghal-EU Trade Marks irregistrati fir- rigward ta' dawk l-oggetti, jew li ma jkunux jistghu jingharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn dawk il-markji huwa projbit skont l-Artikolu 9 tar- Regolament U.E. 2017/1001;*

7. *Illi dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' ntellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi taghha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E. 1001/2017 u dan ukoll kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta' Nike Retail BV ghas-socjeta' rikorrenti (ara r-rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "F");*

8. *Illi din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u taht il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew pprovduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "G");*

9. *Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-"Court of Justice of the European Union" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar- Regolament U.E. 1001/2017 u tar-Regolament U.E. 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;*

10. *Illi l-Artikolu 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 597.04 jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar EU Trade Marks huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;*

11. *Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 9 sa fol 161).

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-**Avv. Dr Josette Sultana et** intavolata fit-23 ta' Ottubru 2023 (fol 166) li permezz tagħha eċċepixxew:

> *Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz;*
>
> *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tar-rikorrent noe intavolata fl-24 ta' Novembru 2023 (fol 168) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tal-**Ispettur tad-Dwana Randolph Mizzi** (fol169 sa fol 170).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti noe iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2024, il-Qorti nnotat li l-kawża kienet tħalliet għall-provi tal-intimati u peress li ma dehrux, allura hija għaddiet biex tiddikjara l-provi tal-intimati magħluqa.

Rat illi għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe ai termini tal-Artikoli **2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013.**

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu l-attur noe jispjega li s-soċjeta' rikorrenti Nike Innovate C.V. hija propjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju 'NIKE' u l-markju magħruf bħala 'Swoosh Design' liema markji huma użati mis-soċjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti bħal żraben, sandlijiet, abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi, brieret u prodotti oħra.

Jgħid illi l-istess soċjeta' hija detentriċi tad-dritt ta' propjeta` industrijali għar-rigward tal-istess markji skont il-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 u dan ukoll minħabba l-fatt li huma reġistrati bħala EU Trade Marks.

Jispjega li fit-13 ta' Mejju 2023 iddaħħlet fuq il-vapur 'SC MEDFORD' u/jew ġiet importata temportanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles konsenja ta' abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi li jġibu fuqhom l-markji fuq imsemmija, liema konsenja kienet tikkonsisti f'elfejn (2000) biċċa u li m'humiex ġenwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur tar-Regolament U.E. 2017/1001.

Jgħid li mill-Polza ta' Kargu jirriżulta li d-dettalji tax-*shipper* għal merkanzija huma ndikati bħala 'Exon Genetics & Biotechnology Company Limited Mpanga Close Plot 7. Bugolobi Kampala Uganda', filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bħala 'Beyler Saglik Bilsim Savuanma Danismablik Sanayi Ve Tic Ltd Sti Izmir, Turkey.

Isostni li d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew teqgħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħielse ta' oġġetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, mentri d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta fil-kors tal-kummerċ, fejn l-oġġetti in kwistjoni joriġinaw minn pajjiżi terzi u jkollhom markji mingħajr awtorizazzajoni li jkunu identiċi għal EU Trade mark huwa projbit skont l-artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001 u għalhekk l-abbiljament in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti.

Jispjega li l-imsemmija konsenja bħalissa tinżamm miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwara wara applikazzjoni li saret mis-soċjeta' rikorrenti.

In sostenn tal-fatti r-rikorrenti noe preżenta lill-Qorti s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Dok. "A": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea ghal-EU *Trade Mark* Numru 000278028.

- Dok. "B": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea ghal-EU *Trade Mark* Numru 004288486.

- Dok. "C": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea ghal-EU *Trade Mark* Numru 000277632.

- Dok. "D": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea ghal-EU *Trade Mark* Numru 000277517.

- Dok. "E": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea għal-EU *Trade Mark* Numru 000277889.

- Dok. "F": Rapport tal-analiżi maħruġ minn Virna Hireche bħala rappreżentanta tas-soċjeta' estera Nike Retail BV, għas-soċjeta' rikorrenti Nike Innovate C.V. rigward il-kontenut misjub fil-Container mertu ta' din il-kawża.

- Dok. "G": Kopja tal-applikazzjoni bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setgħet tiġi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013.

- Dok. “H”: Kopja ta’ prokura speċjali maħruġa mis-soċjeta’ rikorrenti Nike Innovate C.V. favur membri tal-uffiċju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom l-attur nomine, biex jinħatru prokuraturi speċjali.
- Dok. “I”: Kopja ta’ ċertifikat tar-reġistrazzjoni tas-soċjeta’ estera rikorrenti Nike Innovate C.V.
- Dok. “J”: Kopja tal-Polza ta’ Kargu Numru AYD0118474.

Fl-affidavit tiegħu, **Randolph Mizzi – impjegat mad-Dwana ta’ Malta bħala fizzjal fis-sessjoni tal-infurzar** jgħid li l-kontejner bin-numru CMAU0983017 inħatt fil-port ħieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur SC MEDFORS fit-13 ta’ Mejju 2023 u ġie magħżul għal kontroll fiżiku tal-kontenut tiegħu. Jgħid li skont il-polza tat-tagħbija li ġġib in-numru AYD0118474 tal-vjaġġ numru OJN8EN1MA l-oriġina tal-kontejner kien MOMBASA ġewwa l-Kenya u kien destinat għal Izmir fit-Turkija. Jispjega li bħala kontenut kien iddikjarat li fih 275 kaxxa ‘slippers, shorts, shoes and medical products’. Jgħid li l-kontejner ġie mibgħut minn Exon Genetics & Biotechnology Company Limited ġewwa Kampala fl-Uganda u l-kunsinnatarju u l-parti tan-nofikazzjoni kien indikat bħala Beyler Saglik Bilisim Savunma f’Izmir it-Turkija.

Jispjega li l-kontejner infetaħ fit-18 ta’ Mejju 2023 fil-preżenza t’uffiċjali oħra tad-Dwana u nstab li fil-kaxxi kien hemm diversi prodotti b’markji li huma sorveljati mid-Dwana għall-protezzjoni rigward drittijiet ta’ propjetà` intellettwali u l-oġġetti għalihom dehru suspettużi li kienu falsifikati.

Jgħid li fis-7 ta’ Lulju 2023 waqt li l-kontejner kien qed jinħatt f’wieħed mill-imħażen tad-dwana instabu elfejn (2000) biċċa ħwejjeġ b’markji bħal dawk reġistrati f’isem Nike Innovate C.V. Jispjega li fit-18 ta’ Mejju 2023 r-rikorrent noe ġie infurmat bis-sejda tal-ħwejjeġ u minn eżamijiet li saru fuq il-kampjuarji elevati rriżulta li l-oġġetti huma falsifikati, u fit-8 ta’ Awwissu l-istess rikorrent noe ippreżenta kawża appożita fil-Qrati Ċivili ta’ Malta.

Jikkonferma li l-imsemmija kunsinna għadha miżmuma mid-Dwana u ġiet irreġistrata bin-numru 55.23.093. Jelenka spejjeż involuti f’dan il-każ partikolari li jeċċedu l-elfejn Ewro (€2,000) u li għadhom jiżdiedu.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha prodotta u peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li ġew kollha kkonfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat u atti oħra preżentati fl-atti tal-kawża li jinkludi l-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana Randolph Mizzi datat 23 ta’ Novembru 2023 (Dok. RM1 fol. 169) li kkonferma li l-istess oġġetti hawn indikati għadhom qed jinżammu fl-imħazen tad-dwana, u tar-rapport ta’ Virna Hireche li kkonfermat li mill-eżamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawża odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjeż kollha nklużi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oġġetti hija elenkata fl-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana (fol. 170).

Għalhekk it-talbiet attrici għandhom jiġu milqugħa kif gej.

**GHALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt illi tiċħad kull eċċezzjoni mressqa, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti noe u:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi *l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi (inkluż l-imballaġġ tagħhom) li tikkonsisti f'elfejn biċċa, f'Container Numru CMAU0983017* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur, huma oġġetti falsifikati u jikkontravvjenu l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 u l-artikolu 4 tal-Kap. 414 kif ukoll l-artikolu 2(5) u (6) tar-Regolament EU 608/2013;

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' *l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi (inkluż l-imballaġġ tagħhom) li tikkonsisti f'elfejn biċċa, f'Container Numru CMAU0983017*, da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi inkwantu li ma humiex ġenwini, skont l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 u għaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 kif ukoll l-artikolu 9(1), (2), (3), (4) tar-Regolament EU 2017/1001, u dan fil-konfront tal-EU Trade Marks reġistrati f'isem is-soċjeta' attriċi;

3. **Tordna** lill-Kontrollur tad-Dwana a bażi tal-ewwel tliet talbiet sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' disgħin (90) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruġġi l-oġġetti in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u a spejjeż tal-konvenuti, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414 u l-provvedimenti tal-artikolu 23 tar-Regolament EU 608/2013;

4. **Tordna** lil konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha, inklużi tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni tal-oġġetti in kwistjoni, u tal-ispejjeż tal-Uffiċjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-Regolament EU 608/2013, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tar-rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 170);

5. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba attriċi;

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**